# JUM IT-TWELID TA' KRISTU

M'hux biss l-għaref, li jrid jagħraf il-ġrajja tal-imgħoddi, imma kull nisrani wkoll jixtieq jaf is-sena, ix-xahar il-jum ta' dan il-misterju kbir tal-Fidwa tagħna. Il-knisja tagħmel it-tifkira tiegħu fil 25 ta' Diċembru, fil-qieraħ tax-xitwa, u qalbna tixgħel bl-imħabba lejn Gesù meta naħsbu li Hu beda jbati għalina sa mill-ewwel nifs tal-ħajja tiegħu fuk din l-art, sa mill-ħin tat-twelid tiegħu f'għar tal-bhejjem, fir-reżħa ta' lejl tax-xitwa.

Jekk nieħdu f'idejna l Evanġelju Mqaddes ma nsibu xejn fih li jurina ż-żmien tat-twelid ta' Kristu. Bit-tbatija naslu biex nagħarfu bejn wieħed u ieħor is-sena, iżda fuq ix-xahar u l-jum xejn. Biss igħidilna S. Luqa li Gesù twieled

fi żmien li kienu jingħaddu n-nies tal-Palestina taħt il-ħakma ta' Ruma. Għal dan il-għadd ir-rġiel kien jinħteġilhom jiġu mir-raba' tagħhom u jinġabru fir-rħula tagħhom u r-Rumani, li kienu jiktbu u jgħoddu n-nies, kien ikollhom imorru minn belt għall-oħra. L-aħjar żmien għal dan ix-xogħol hu Novembru u xi nofs Diċembru, meta r-rġiel ikunu miġburin fir-rħula wara l-ġabra tal-għeneb, u meta t-toroq ikunu għadhom mhumiex imħassrin bix-xita tax-xitwa. Jekk f'dawk ix-xhur sar il-għadd tan-nies, mela dik il-ħabta twieled Kristu. Aktar minn daqshekk ma nistgħux inkunu nafu mill-Evanġelju.

Meta bdiet il-Knisja tagħmel il-festa tal-Milied nhar il-25 ta' Diċembru ma nafux. Insibuha msemmija l-ewwel darba din il-festa fi ktieb miktub fis-sena 354 li fih naqraw "Il-25 ta' Diċembru twieled Kristu f'Betlehem". U l-Knisja għażlet dak il-jum għax fih il-pagani kienu jagħmlu l-festa tat-twelid tax-Xemx. L-għażla ma setgħetx tkun aħjar. Kristu huwa x-xemx tal-ħaqq, tas-sewwa, tal-qdusija tal-għerf, tal-ħajja tar-ruħ. Għalhekk il-Knisja, biex tbiegħed l'uliedha mill-bluhat tal-pagani, uriethom Xemx oħra, akbar u isbaħ mix-xemx li naraw, u lilha riedet li jagħmlu festa. Qal S. Wistin f'waħda mill-prietki tal-Milied: "Inżommuh għażiż dan il-jum mhux minħabba din ix-xemx, bħalma jagħmlu l-pagani, imma minħabba Dak li għamel ix-xemx" Dan il-ħsieb tal-Knisja jidher ukoll fit-talb tal-quddiesa tal-Milied; "Kristu hu x-xemx li tneħħi d-dlam tal-injuranza u tmexxi l-bniedem fit-triq tas-sewwa." Dan juri li l-festa tal-Milied fil-ħsieb tal-Knisja, hija t-tifkira tat-twelid ta' Kristu, Feddej u Dawl tad-dinja, iżda ma għandha x'taqsam xejn mal-jum li fih twieled Kristu. Il-Knisja għażlet il-jum 25 ta' Diċembru għax l-aktar li kien jaqbel u mhux biex tgħallimna li Kristu twieled f'dak il-jum. Jum it-twelid ta' Kristu hu moħbi għalina.

**P. P. Saydon**